# L-ARTIKOLU 31

*TAL-KAP 551*

Robert Musumeci



# **Bijo**grafija

Dr Robert Musumeci kiseb PhD fil-liġi mill-Universita ta' Malta wara li, fl-2016, huwa rebaħ il-'*Best Doctor of Laws Thesis Award 2016*' għall- publikazzjoni '*The Development Planning Act 2016 - A critical Appraisal*'. Dr Musumeci kiseb ukoll *Master of Science in Conservation Technology for Masonry Buildings* lura fl-2004 mill- istess Universita' ta' Malta wara li ggradwa bħala perit fis-sena 1997. Dr Musumeci serva bħala ċermen tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal- Bini (*BICC*) bejn is-snin 1998 u 2008. Eventwalment huwa serva bħala konsulent tal-gvern Malti fejn kien strumentali fir-riformi wara d-*demerger* tal- Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar, it-twaqqif ta' l- Awtorita' ta' l- Artijiet, l-emendi kostituzzjonali li jippermettu siġġijiet addizzjonali għas-sess sotto-rappreżentat l-introduzzjoni ta' liġi ġdida li tirregola l-aġenti tal-proprjeta' immobli kif ukoll il-liġi li waqqfet l-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Dr Musumeci huwa l-awtur tal-ktieb '*Selected Principles of Maltese Planning Law.*' (Kite 2021) Dr Musumeci huwa *senior lecturer* fi ħdan il-Fakulta' tal-Liġi fl-Universita' ta' Malta u jgħallem il-liġi tal-ippjanar u l-liġi amministrattiva. Dr Musumeci huwa l-ewwel detentur ta' *warrant* biex jipparattika bħala avukat u *warrant* biex jipprattika bħala perit.

L-**Artikolu 31** tal-**Kap 551** jgħid hekk:

> *'It-Tribunal għandu jkollu s-setgħa li jikkonferma, iħassar jew ibiddel id-deċiżjoni appellata u li jagħti dawk l-ordnijiet lijidhirlu xierqa:*
>
> *Iżda t-Tribunal jista', skont iċ-ċirkostanzi, u qabel ma jikkonferma, iħassar jew ibiddel id-deċiżjoni, jitlob lir-rikorrenti jippreżenta dokumenti u pjanti ġodda, f'liema każ it-Tribunal għandu jagħti r-raġunijiet għal dik it-talba, salv li l-mertu tal-kwistjoni kif ġie ppreżentat quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar ma jinbidilx. Fejn it-Tribunal jidhirlu illi l-mertu tal-kwistjoni kif ġie ppreżentat quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar ser jinbidel, huwa jista' jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi fir-rigward tal-pretensjonijiet rispettivi billi jerġa' jibgħat id-dokumenti u l-pjanti sabiex jiġu deċiżi mill-ġdid mill-Awtorità tal-Ippjanar.'*

Jeżistu skorta ta' sentenzi tal-Qrati fejn deċiżjonijiet tat-Tribunal ġew annullati għaliex il-Qorti ta' l-Appell dehrilha li l-**Artikolu 31** kien applikat b'mod ħażin.[1] Dan, pero', ma ġarax f'kull każ fejn il-Qorti kellha appell ta' terzi quddiemha għaliex dawn ma qablux kif it-Tribunal ordna l-ħruġ ta' permess wara li jiġu ntavolati pjanti ġodda.

L-**Artikolu 31** tal-**Kap 551**, pero', jagħmilha ċara li t-Tribunal jista' effettivament jitlob pjanti riveduti qabel jasal għad-deċiżjoni minghajr ma jerġa' jikkonsulta mal-konsulenti esterni. Dan jidher li huwa possibli meta ma jitqiesx li ser ikun hemm bdil sostanzjali jew tant materjali *tramite* l-bidliet li t-Tribunal ikun qed jordna. Insibu, infatti, sentenzi tal-Qrati li jgħidu ċar u tond li xejn m'għandu jwaqqaf lit-Tribunal milli jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi, inkluż li jordna ħruġ ta' pjanti ġodda mingħajr ebda kunsiderazzjoni ulterjuri sakemm, bil-pjanti hekk kif riveduti, it-Tribunal iżomm mal-iskop ta' l-applikazzjoni oriġinali.[2]

Fil-kors riċenti, per eżempju, kien stabbilit li t-tneħħija ta' *child play area* minn

---

[1] Ara sentenza fl-ismijiet **Jacques-Paul Mifsud vs L-Awtorita tal-Ippjanar (gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-18 ta' Lulju, 2022 (**Ap6/22**)

[2] Ara wkoll sentenza fl-ismijiet **Silvan Agius vs Awtorita' tal-Ippjanar** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Jannar 2019 (**App 66/18**).

proposta biex din, *invece,* tinqara bħala fetħa aċċessibli għal pubbliku kienet ikkunsidrata li tirrijentra fil-parametri ta' bdil mhux sostanzjali jew tant materjali.[3]

[3] Ara sentenza fl-ismijiet **Din l-Art Helwa u Ghaqda Kulturali Wirt Naxxari, Joseph Spiteri, Matthew Vella, Maria Grech, Albert Gatt, Paul Cortis, Anthony Pavia, Karen Zammit Manduca, Julian Muscat, Anne Borg Mizzi, Greta Ellul Xuereb u Joseph Ciliberti Vs L-Awtorita tal-Ippjanar u l-kjamat in kawza San Pawl tat-Targa Investments Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Mejju, 2023 (**Appell Nru. 76/2022)**



ROBERT MUSUMECI
avukat - perit

www.robertmusumeci.com